

V

(Avviżi)

PROĊEDURI TAL-QORTI

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

Appell ippreżentat fid-29 ta' Jannar 2020 minn ZW mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġeneral (Ir-Raba' Awla) fil-21 ta' Novembru 2019 fil-Kawża T-727/18, ZW vs BEI

(Kawża C-50/20 P)

(2020/C 348/02)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellant: ZW (rappreżentant: T. Petsas, dikigoros)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI)

Permezz ta' digriet tat-3 ta' Settembru 2020, il-Qorti tal-Ġustizzja (it-Timien Awla) iddeċidiet li l-appell għandu jiġi miċħud bħala parżjalment manifestament inammissibbli u parżjalment manifestament infondat u kkundannat lill-appellant għall-ispejjeż rispettivi tiegħu.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landesverwaltungsgericht Steiermark (l-Awstrija) fit-8 ta' Mejju 2020 – NE vs Bezirkshauptmannschaft Hartberg-Fürstenfeld

(Kawża C-205/20)

(2020/C 348/03)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Landesverwaltungsgericht Steiermark

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: NE

Konvenuta: Bezirkshauptmannschaft Hartberg-Fürstenfeld

Parti oħra: Finanzpolizei Team 91

Domandi preliminari

- Ir-rekwiżit ta' sanzjonijiet proporzjonati, stabbilit fl-Artikolu 20 tad-Direttiva 2014/67/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar l-infurzar tad-Direttiva 96/71/KE dwar l-istazzjonament ta' ħaddiema fil-qafas tal-prestazzjoni ta' servizzi u li temenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ("ir-Regolament tal-IMI")⁽¹⁾ u interpretat fid-digrieti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tad-19 ta' Diċembru 2019, Hartberg-Fürstenfeld⁽²⁾ u Bezirkshauptmannschaft Hartberg-Fürstenfeld⁽³⁾ jikkostitwixxi dispożizzjoni ta' direttiva applikabbli direttament?

2) Fil-każ li tingħata risposta fin-negattiv għall-ewwel domanda:

L-interpretazzjoni tad-dritt tal-Istati Membri b'mod konformi mad-dritt tal-Unjoni tippermetti u teżiġi li l-qrati u l-awtoritajiet amministrattivi tal-Istati Membri jikkompletaw il-każijiet ta' ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali applikabbi f'din il-kawża permezz tal-kriterji ta' proporzjonalità stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fid-digreti tad-19 ta' Diċembru 2019, Hartberg-Fürstenfeld (C-645/18, ECLI:EU:C:2019:1108) u Bezirkshauptmannschaft Hartberg-Fürstenfeld (C-140/19, C-141/19, C-492/19, C-493/19 u C-494/19, ECLI:EU:C:2019:1103), mingħajr ma jkunu ġew adottati dispożizzjonijiet ġodda fid-dritt nazzjonali?

(¹) ĠU 2014, L 159, p. 11.

(²) C-645/18, ECLI:EU:C:2019:1108.

(³) C-140/19, C-141/19, C-492/19, C-493/19 u C-494/19, ECLI:EU:C:2019:1103.

**Appell ippreżentat fid-9 ta' Ġunju 2020 mill-Kummissjoni Ewropea mis-sentenza mogħtija mill-Qorti
Ġenerali (It-Tmien Awla) fit-2 ta' April 2020 fil-Kawża T-571/17, UG vs Il-Kummissjoni**

(Kawża C-249/20 P)

(2020/C 348/04)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellant: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: B. Mongin, L. Radu Bouyon, aġenti)

Parti oħra fil-proċedura: UG

Talbiet

L-appellant titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġogħobha:

- tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea (It-Tmien Awla) tat-2 ta' April 2020, mogħtija fil-Kawża T-571/17, UG vs Il-Kummissjoni;
- tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali;
- tirriżerva l-ispejjeż tal-ewwel istanza u dawk tal-proċedura tal-appell.

Aggravji u argumenti prinċipali

1. L-ewwel aggravju: żnaturament tal-fatti (punti 64 sa 71 tas-sentenza appellata)

Skont ġurisprudenza stabbilita, ikun hemm żnaturament suġġett għall-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja meta l-evalwazzjoni tal-provi eżistenti tkun tidher manifestament żbaljata. Tali żnaturament għandu jirriżulta b'mod manifest mill-elementi tal-proċess.

Fl-ewwel parti tal-motiv, il-Kummissjoni ssostni li l-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali skont liema l-Awtorità tal-Ħatra stabbiliet terminu qasir wisq għal UG sabiex jiirimiedja għall-insuffiċjenza professionali hija kontradetta mill-provi dokumentarji li jinsabu fil-proċess. L-Awtorità tal-Ħatra ma talbitx li UG jissoddisfa l-għanijiet kollha stabbiliti fir-rapport ta' evalwazzjoni tal-2015 u jerġa' joħloq relazzjoni ta' fiduċja mal-kolleġi tax-xogħol tiegħi f'terminu ta' tliet xħur.

Skont it-tieni parti tal-motiv, il-Qorti Ġenerali, b'mod żbaljat, iffokat l-eżami tagħha fuq il-kwistjoni tal-assenzi mhux ġustifikati u naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni n-natura rikorrenti ta' diversi elementi ta' insuffiċjenza professionali kkonstatati fid-deċiżjoni tas-17 ta' Ottubru 2016 u fl-ittra tat-8 ta' Settembru 2016.